
19 ta' Ġunju 2014

EBA/GL/2014/04

Linji gwida

dwar definizzjonijiet u mudelli armonizzati għall-pjanijiet ta' finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu skont ir-Rakkomandazzjoni A4 ta' BERS/2012/2

Linji gwida tal-EBA dwar definizzjonijiet u mudelli armonizzati għall-pjanijiet ta' finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu skont ir-Rakkomandazzjoni A4 ta' BERS/2012/2

Status ta' dawn il-Linji gwida

Dan id-dokument fih linji gwida maħruġa skont l-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jstabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ir-Regolament tal-EBA). Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji għandhom jagħmlu kull sforz sabiex jikkonformaw mal-linji gwida.

Il-Linji gwida jstabbilixxu l-opinjoni tal-EBA dwar Prattiki Superviżorji xierqa fis-Sistema Ewropea ta' Superviżjoni Finanzjarja, jew jispeċifikaw kif il-liġi tal-Unjoni għandha tiġi applikata f'qasam partikolari. L-EBA għalhekk tistenna li l-awtoritajiet kompetenti u l-istituzzjonijiet finanzjarji kollha li lejhom huma indirizzati l-linji gwida, jikkonformaw mal-linji gwida. L-awtoritajiet kompetenti li għalihom japplikaw il-linji gwida għandhom jikkonformaw billi jinkorporawhom fil-prattiki superviżorji tagħhom kif xieraq (eż. billi jemendaw il-qafas legali tagħhom jew il-proċessi superviżorji tagħhom), inkluż fejn il-linji gwida huma diretti primarjament lejn l-istituzzjonijiet.

Rekwiżiti għar-rappurtar

Skont l-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jinnotifikaw lill-EBA jekk jikkonformawx, jew jekk humiex biĥsiebhom jikkonformaw, ma' dawn il-linji gwida jew mod ieħor, bir-raġunijiet għan-nuqqas ta' konformità, sal-31 ta' Ottubru 2014. Fin-nuqqas ta' kwalunkwe notifika sa din id-data ta' skadenza, l-awtoritajiet kompetenti se jitqiesu mill-EBA li huma mhux konformi. In-notifiki għandhom jintbagħtu bis-sottomissjoni tal-formola pprovduta fit-Taqsima 5 lil compliance@eba.europa.eu bir-referenza "EBA/GL/2014/04". In-notifiki għandhom jiġu sottomessi minn persuni awtorizzati kif xieraq biex jirrapportaw il-konformità f'isem l-awtoritajiet kompetenti tagħhom.

In-notifiki għandhom jiġu ppubblikati fuq il-websajt tal-EBA, f'konformità mal-Artikolu 16(3) tar-Regolament tal-EBA.

Titolu I – Suġġett, kamp ta' applikazzjoni u definizzjonijiet

1. Dawn il-linji gwida jfittxu li jstabilixxu prattiki superviżorji konsistenti, effiċjenti u effettivi billi jarmonizzaw il-mudelli u d-definizzjonijiet, biex jiffaċilitaw ir-rappurtar tal-pjanijiet ta' finanzjament mill-istituzzjonijiet ta' kreditu lill-awtoritajiet kompetenti biex jiżguraw il-konformità mal-paragrafi 1–4 tar-Rakkomandazzjoni A tar-Rakkomandazzjonijiet tal-BERS tal-20 ta' Diċembru 2012 dwar il-pjanijiet ta' finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu ("Rakkomandazzjonijiet tal-BERS" u "Rakkomandazzjoni A tal-BERS").
2. Dawn il-linji gwida huma indirizzati lejn l-awtoritajiet kompetenti kif iddefiniti fl-Artikolu 4(2) tar-Regolament tal-EBA u lejn l-istituzzjonijiet li jirrapportaw il-pjanijiet ta' finanzjament lill-awtoritajiet kompetenti tagħhom, skont il-qafas nazzjonali ta' implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni 2012/2 tal-BERS dwar il-finanzjament ta' istituzzjonijiet ta' kreditu.

Titolu II – Rekwiżiti għar-rappurtar ta' pjanijiet ta' finanzjament

3. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jirrapportaw il-pjanijiet ta' finanzjament tagħhom skont il-mudelli u d-definizzjonijiet armonizzati msemmija fil-mudell tal-pjan ta' finanzjament meħmuż (l-Anness I) ma' dawn il-linji gwida.
4. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jissottomettu l-Mudell tal-Pjan ta' Finanzjament mill-inqas darba fis-sena, u jkun jirrifletti ċ-ċifri rilevanti fid-dati ta' referenza u li jiġi sottomess sad-dati ta' preżentazzjoni deskritti fil-paragrafu 8.
5. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiddeterminaw il-livell xieraq ta' konsolidazzjoni għar-rappurtar tal-pjanijiet ta' finanzjament wara li jikkunsidraw dawn il-kunsiderazzjonijiet li ġejjin:
 - Adegwatezza tal-informazzjoni: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-informazzjoni miġbura tippermettilhom li jiffurmaw opinjoni ċara dwar il-finanzjament tas-sistema bankarja nazzjonali tagħhom u dwar l-impatt potenzjali tal-pjanijiet ta' finanzjament, meta jitwettqu, fuq il-provvista ta' kreditu lill-ekonomija reali nazzjonali tagħhom u għandhom jiddeċiedu dwar jekk jiġbrux informazzjoni addizzjonali li hija relatata l-iżjed mal-finanzjament ta' sistemi bankarji nazzjonali oħra (b'mod partikolari mhux tal-UE).
 - Proporzjonalità: l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li jitqiesu r-riżorsi tal-istituzzjoni fid-determinazzjoni tal-livell ta' konsolidazzjoni għall-applikazzjoni tal-Mudell tal-Pjan ta' Finanzjament. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jagħtu attenzjoni partikolari għall-eżistenza ta' sottogruppi ta' likwidità sabiex jiġi ddeterminat il-livell xieraq ta' konsolidazzjoni għall-finijiet ta' likwidità.

6. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jipprovdu wkoll lill-EBA bi trasparenza sfiha dwar il-livell ta' konsolidazzjoni u spjega tal-għażliet biex tiġi ffaċilitata l-aggregazzjoni tad-dejta mill-EBA għall-finijiet tal-UE kollha.

Titolu III- Dispożizzjonijiet finali u Implimentazzjoni

7. L-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jikkonformaw b'mod effettiv mal-linji gwida biex jiġi ffaċilitat ir-rappurtar tal-pjanijiet ta' finanzjament għas-sena 2014 u wara skont dawn il-linji gwida.
8. Għas-sena 2014 u 2015, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jirrappurtaw il-pjanijiet ta' finanzjament tagħhom b'data ta' referenza mhux iżjed tard mit-30 ta' Ġunju 2015, sat-30 ta' Settembru 2015, u l-pjanijiet jiġu sottomessi¹ lill-EBA sal-15 ta' Novembru 2015. Għas-snin sussegwenti, l-awtoritajiet kompetenti għandhom jiżguraw li l-istituzzjonijiet jirrappurtaw il-pjanijiet ta' finanzjament tagħhom skont dawn il-linji gwida sal-31 ta' Marzu b'data ta' referenza tal-31 ta' Diċembru tas-sena ta' qabel, u l-pjanijiet jiġu sottomessi lill-EBA sat-30 ta' April ta' kull sena.

⁽¹⁾ L-awtoritajiet kompetenti huma mitluba jissottomettu d-dejta lill-EBA billi jsegwu DPM u tassonomija XBRL li jiġu ppubblikati mill-EBA.

Anness 1 – Mudelli u definizzjonijiet

Il-ġbir ta' informazzjoni huwa strutturat fuq mudelli multipli li jeħtieġu projezzjonijiet ta' partiti magħżula mill-karta tal-bilanċ, li jiffokaw fuq self, depożiti u finanzjament bl-ingrossa.

Karatteristiċi ewlenin

Tabelli	Spjega
<p>TAQSIMA 1 – KARTA TAL-BILANĊ</p> <p>Tabella 1A – Assi</p> <p>Tabella B – Obligazzjonijiet</p> <p>Tabella C – Tbassir tal-proporzjonijiet tal-likwidità</p>	<p>GĦAN: Li tinkiseb ħarsa ġenerali tal-iżviluppi pplanati fil-karta tal-bilanċ</p> <ul style="list-style-type: none"> Projezzjoni bil-quddiem għal 3 snin tal-pożizzjoni tal-istokk ta' partiti ta' assi u obligazzjonijiet tal-karta tal-bilanċ f'livell għoli Projezzjoni tal-proporzjon ta' kopertura tal-likwidità (LCR) fuq żmien ta' sena u l-proporzjon ta' ffinanzjar stabbli nett (NSFR) ⁽²⁾ fuq żmien ta' 3 snin Il-karta tal-bilanċ għandha tinkludi d-dejta inkluża fit-Tabelli 2D1 u 2D2
<p>TAQSIMA 2 – DIPENDENZI TAL-FINANZJAMENT</p> <p>Tabella 2A – Dipendenzi tal-finanzjament speċifiċi</p> <p>Tabella 2A1 – Depożiti assigurati u mhux assigurati u strumenti finanzjarji mhux assigurati li qishom depożiti</p> <p>Tabella 2A2 – Sorsi ta' finanzjament tas-settur pubbliku</p> <p>Tabella 2A3 – Strutturi ta' finanzjament innovattivi</p> <p>Tabella 2B – Pprezzar</p> <p>Tabella 2B1 – Pprezzar: assi ta' self</p> <p>Tabella 2B2 – Pprezzar: obligazzjonijiet ta' depożitu</p>	<p>GĦAN: Li jidentifika u jivvaluta (tibdil fi) dipendenzi tal-finanzjament speċifiċi</p> <ul style="list-style-type: none"> Projezzjoni tad-depożiti koperti minn skema ta' garanzija tad-depożiti skont id-Direttiva Nru 94/19/KE jew skema ta' garanzija tad-depożiti ekwivalenti f'pajjiż terz u dawk li mhumiex assigurati Projezzjoni ta' strumenti finanzjarji mhux assigurati li qishom depożiti li jinbiegħu lil klijenti bl-imnut Projezzjoni ta' sorsi ta' finanzjament li huma pprovdu direttament jew indirettament mis-settur pubbliku. Dan jinkludi programmi ta' finanzjament repo fuq perjodu medju u fit-tul, programmi ta' finanzjament b'garanzija ta' kreditu u programmi ta' sostenn għall-ekonomija reali b'garanzija ta' kreditu Projezzjoni ta' strutturi ta' finanzjament innovattivi ta' dejn jew li qishom dejn, inkluż strumenti innovattivi li qishom depożiti <p>GĦAN: Li jivvaluta l-fattibilità tal-finanzjament ippjanat mill-perspettiva tal-prezz</p> <ul style="list-style-type: none"> Projezzjoni ta' rendimenti ta' livell għoli fuq l-assi, fuq żmien ta' sena. Il-kumpaniji għandhom jirrapportaw ir-rendiment kollu riċevut/imħallas u m'għandhomx jirrapportaw firxa. Projezzjoni ta' spejjeż għall-finanzjament ta' livell għoli, fuq żmien ta' sena

⁽²⁾ Dan japplika wkoll għall-perjodu meta l-LCR u l-NSFR ikunu għadhom ma ġewx introdotti bis-sħiħ bħala rekwiżiti minimi li jorbtu, imma fejn id-dejta meħtieġa tkun disponibbli permezz ta' rappurtar (ta' monitoraġġ).

<p>Tabella 2C – Spariġġi strutturali fil-muniti</p> <p>Tabella 2C1 – L-ewwel l-ikbar munita materjali</p> <p>Tabella 2C2 – It-tieni l-ikbar munita materjali</p> <p>Tabella 2C3 – It-tielet l-ikbar munita materjali</p>	<p>GĦAN: Li jidentifika u jivvaluta (tibdil fi) spariġġi fil-finanzjament f'muniti speċifiċi</p> <ul style="list-style-type: none"> • Projezzjoni ta' elementi speċifiċi tat-Tabella 1 maqsuma fl-ikbar munita materjali • Projezzjoni ta' elementi speċifiċi tat-Tabella 1 maqsuma fit-tieni l-ikbar munita materjali • Projezzjoni ta' elementi speċifiċi tat-Tabella 1 maqsuma fit-tielet l-ikbar munita materjali
<p>Tabella 2D – Pjanijiet ta' ristrutturar għall-assi u l-obbligazzjonijiet</p> <p>Tabella 2D1 – Akkwizzjonijiet ta' assi ta' ammonti mislufa, Tifdija Bikrija, u Pjanijiet ta' Disponimenti</p> <p>Tabella 2D2 – Akkwizzzjoni ta' obbligazzjonijiet ta' depożitu u pjanijiet ta' disponiment</p>	<p>GĦAN: Li jivvaluta l-fattibilità tal-pjanijiet ta' finanzjament meta l-kumpanija tkun iffaċċjata b'ristrutturar sinifikanti (inkluż akkwizzjonijiet) tal-karta tal-bilanċ tagħha</p> <ul style="list-style-type: none"> • Projezzjoni tal-assi li l-kumpanija għandha l-ħsieb li takkwista jew tiddisponi minnhom u/jew li ġew identifikati għal tifdija bikrija • Projezzjoni tal-obbligazzjonijiet li l-kumpanija għandha l-ħsieb li takkwista jew tiddisponi minnhom, u/jew li ġew identifikati għal tifdija bikrija
<p>TAQSIMA 3 – PERIMETRU</p> <p>Lista 3</p>	<p>GĦAN: Li jikseb deskrizzjoni preċiża tal-entitajiet li jinsabu fil-perimetru tal-konsolidazzjoni għal dan il-pjan ta' finanzjament sabiex jiġu evitati l-lakuni jew l-għadd doppju</p> <ul style="list-style-type: none"> • Lista ta' Identifikaturi uniċi tal-Entità Legali ta' istituzzjonijiet ta' kreditu u entitajiet rilevanti oħra inklużi f'dan il-pjan ta' finanzjament

JEKK JOGĦĠBOK IRREFERI GĦALL-Anness I (Mudelli - GL fuq FPT) GĦALL-MUDELL TAL-EXCEL B'DEFINIZZJONIJIET KOMUNI TAD-DEJTA.